MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1141/2002/1

**Michael Casha**

**Vs**

**Joseph Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' mija u hmistax-il lira Maltija (Lm115), valur ta' xoghol ta' panel beating u spray painting li sar mill-attur fuq vettura propjeta tal-konvenut.

Ra li l-konvenut notifikat bl-atti ma pprezentax risposta fit-terminu preskritt mil-ligi, u lanqas ma deher fis-seduti.

Semgha x-xhieda ta' Dr. Angelo Farrugia li deher ghall-attur.

Skond l-Artikolu 13 tal-Kap.380, meta l-konvenut jonqos li jidher, il-Gudikatur ghandu jisma’ u jaqta’ l-kawza fl-assenza tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddecidi l-kawza billi jilqa’ t-talba ta’ l-attur u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ mija u hmistax-il lira Maltija (Lm115), bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-avviz tat-talba.

L-ispejjez (mhux inkluzi d-drittijiet legali) ghandhom ikunu ghak-karigu  tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------